

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

P8_TA(2015)0471

L-20 anniversarju mill-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar l-20 anniversarju mill-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton (2015/2979(RSP))**

(2017/C 399/20)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton, il-qafas ġenerali u t-tnaqqis-il anness tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-7 ta' Lulju 2005 ⁽¹⁾, tal-15 ta' Jannar 2009 ⁽²⁾ u tad-9 ta' Lulju 2015 ⁽³⁾ dwar Srebrenica,
 - wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-11 ta' Marzu 2005 dwar ir-riforma kostituzzjonali fil-Bożnija-Herzegovina,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton ġie ffirmat fl-14 ta' Diċembru 1995 f'Pariġi u temm l-aktar gwerra mdejjema fl-Ewropa mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn;
- B. billi l-Ftehim temm il-gwerra, iżda naqas milli joħloq stat li jiffunzjona u li kapaċi jsostni lilu nnifsu, u billi l-istruttura istituzzjonali tal-pajjiż hija kumplessa żżejjed u rriżulta li mhijiex effikaċi;
1. Ifakkar fl-importanza tal-iffirmar tal-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton, jiftakar fil-vittmi traġiċi kollha tal-gwerra fil-Bożnija-Herzegovina u jagħti l-kondoljanzi sinċieri tiegħu lill-familji ta' dawk li tilfu ħajjithom;
 2. Jieħu nota, b'dispaċir, li 20 sena wara tmiem il-gwerra u t-twaqqif ta' Ftehim ta' Qafas Ġenerali li jistabbilixxi l-aspetti prinċipali tal-ftehim ta' paċi u tal-forma futura tal-pajjiż, il-gvernijiet suċċessivi naqsu milli jibnu stat li jiffunzjona bis-sħiħ u li kapaċi jsostni lilu nnifsu;
 3. Jilqa' r-riżultati miksuba bir-ritorn ta' refuġjati u ta' persuni spustati internament (IDPs), bir-rikostruzzjoni u bir-restituzzjoni tal-proprietà, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Anness VII tal-Ftehim ta' Dayton; jinsisti fuq il-ħtieġa li l-anness u l-istrateġija relatata jiġu implimentati bis-sħiħ biex jiżguraw ritorn sostenibbli, kif ukoll soluzzjonijiet ġusti, komprensivi u deġġjema għall-persuni spustati internament, għar-refuġjati u għal persuni oħra affettwati mill-gwerra; jenfasizza f'dan ir-rigward il-bżonn għar-ritorn sostenibbli ta' Kroati, Bożnijaċi u oħrajn fir-Repubblika Srpska; jisħaq fuq il-ħtieġa li jsir progress fit-titjib tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' dawk li rritornaw; jitlob li l-isforzi fil-livelli kollha jiġu kkoordinati aħjar u li l-persuni spustati l-aktar vulnerabbli, inklużi r-Rom u l-vittmi ta' vjolenza nisa, jingħataw aktar attenzjoni; jieħu nota, b'dispaċir, li, skont il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar, għad hemm madwar 7 000 ruħ nieqsa, li għadu mhux magħruf x'sar minnhom;
 4. Jirrikonoxxi t-trasformazzjoni pożittiva li għaddiet minnha l-Bożnija-Herzegovina f'dawn l-aħħar 20 sena, minn pajjiż mifni bil-gwerra u hierieg minn kunflitt, għal stat li jaspira għall-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea;
 5. Itenni l-impenn tal-UE rigward il-perspettiva Ewropea u t-tkomplija tal-proċess ta' adeżjoni tal-Bożnija-Herzegovina u tal-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent; jemmen li l-kooperazzjoni reġjonali u l-proċess ta' integrazzjoni Ewropea huma l-aħjar mod biex tiġi promossa r-rikonċiljazzjoni u biex jingħelbu l-mibegħda u l-firdiet;
 6. Jistieden lill-awtoritajiet jużaw l-20 anniversarju mill-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton bħala inċentiva biex jimxu 'l quddiem bir-riformi meħtieġa – speċjalment fid-dawl tal-applikazzjoni li jmiss tal-Bożnija-Herzegovina għall-adeżjoni mal-UE; ifakkar li l-prijorità trid tkun l-indirizzar tal-ħtiġijiet soċjoekonomiċi taċ-ċittadini, kif ukoll l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' koordinament effikaċi dwar kwistjonijiet tal-UE; itenni li huwa kruċjali wkoll li jitkomplew, b'mod parallel, ir-riformi politiċi u kostituzzjonali u d-demokratizzazzjoni tas-sistema politika, li sejin imexxu lill-pajjiż fid-direzzjoni li jiżgura ugwaljanza reali u rappreżentanza demokratika tat-tliet popli kostitwenti kollha u taċ-ċittadini kollha tiegħu; jissottolinja li jeħtieġ li ċ-ċittadini kollha tal-Bożnija-Herzegovina jkollhom opportunitajiet ugwali li jiġu eletti fil-livelli kollha tal-proċess tat-tehdid ta' deċizzjonijiet politiċi;

⁽¹⁾ ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 468.⁽²⁾ ĠU C 46 E, 24.2.2010, p. 111.⁽³⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0276.

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Bożnija-Ħerżegovina u lill-entitajiet tiegħu, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.
